MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 743/2002

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fis-7 ta' Mejju 1994, minn liema zwieg twieled tifel , il-minuri D B; u

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti tkissret irrimedjabilment minhabba inkompatibilita' ta' karattru u minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, u cioe' li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' theddid u ingurji gravi fil-konfront ta' l-attur; u

Premess illi l-partijiet gew awtorizzati mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex jipprocedu ghas-separazzjoni personali quddiem il-Qorti kompetenti permezz ta' Digriet numru 1090/02 u jixtieq jitlob separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta; u

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti u dan ghal ragunijiet imputabbli lil konvenuta b' mod partikolari illi rrendiet ruhha hatja ta' theddid u ingurji gravi fil-konfront tal-attur, u anke minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

2. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri, u cioe' D B, tigi fdata esklussivament f' idejn l-attur, salv id-dritt ta' access li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriserva favur il-konvenuta, taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni.

3. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur, u dan ghalih u ghall-istess minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti.

4. Tapplika favur l-attur in kwantu applikabbli ghalih l-effetti tal-artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lil konvenut, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lil konvenuta tikkonsenja lill-attur il-beni parafernali kollha tieghu u tordna illi l-attur jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu.

8. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi huwa minnu illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabilment, madanakollu mhux htija tal-konvenuta kif qieghed jallega l-attur, izda htija ta' l-istess attur stante vjolenza fizika kommessa minnu fil-konfront tal-konvenuta martu u dan kif ser jigi ppruvat dettaljatament fil-kors tal-kawza. Tant huwa hekk, illi huwa gie mkecci mid-dar konjugali u dan permezz ta' digriet tas-Sekond Awla numru 1090/2002.

2. Illi lanqas huwa minnu kif dikjarat bil-gurament mill-attur illi l-konvenuta b' xi mod irrendiet ruhha hatja ta' theddid u ingurji gravi fil-konfront ta' l-attur. Kien l-istess attur li kontinwament kien jhedded lill-konvneuta u dan it-theddid kien isir ukoll fil-presenza tal-minuri.

Rat il-kontro talba promossa mill-konvenuta, u li tinsab a fols.16 sa 20 tal-process;[1]

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat, u li tinsab a fol.26 tal-process;[2]

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjonijiet[3] tal-perit tekniku l-AIC Valerio Schembri, minnu debitament mahlufa, u l-eskussjoni ta' l-istess perit;

---

[1] Appendici A – fols.16 sa 20
[2] Appendici B – fol.26
[3] Vol.1 fol.263 *et seq.* u fol.342 et seq.

Rat ir-relazzjoni[4] tal-perit legali l-Avukatessa Dottor Ramona Fendo minnha debitament mahlufa; u d-depozizzjoni taghha in eskussjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni u Kontro talba**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta minhabba li z-zwieg bejn il-partijiet tkissier irrimedjabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, imputabbli lill-konvenuta.

Minn naha taghha l-konvenuta, filwaqt li tirribatti dak allegat fuqha, qeda wkoll titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-attur ghar-ragunijiet kontemplati fl-istess artikolu, izda imputabbli lill-attur.

It-tnejn jadduci l-inkompatibilita' ta' karattru bhala wiehed mill-fatturi li wassal ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg taghhom.

Dawn huma l-parametri gudizzjarji ta' l-azzjoni u tal-kontro talba, u l-kaz ser jigi deciz limitatament ghall-kawzalijiet proposti mill-partijiet, li huma cirkoskritti ghall-kontenut ta' l-artikolu 40 fuq citat.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Mejju 1994 wara li kienu ilhom namrati ghal zmien twil, u minn dan iz-zwieg fit-8 ta' Jannar 1997 twieled it-tifel D. Il-konvivenza matrimonjali kienet wahda turbulenti, karatterizzata bl-litigji kontinwi u anke glied; bir-rizultat li eventwalment il-konvenuta tghid li kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali, izda b' digiriet moghti mill-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Gunju 2002, l-attur

[4] Fol.607 *et seq.*

kien gie ordnat jallontana ruhu mid-dar matrimonjali pendente lite.

*Verzjoni ta' l-Attur*

Illi fl-affidavit[5] tieghu l-attur jilmenta mill-fatt li, wara xahar miz-zwieg martu kienet esprimiet ix-xewqa taghha li tmur tilaghab il-football, u fil-fatt hekk ghamlet; u li maz-zmien, u minhabba f' hekk hija kienet bdiet titraskura l-familja kif ukoll id-dmirijiet taghha fid-dar.

Jghid li r-relazzjoni matrimonjali bdiet tmur lura kif twieled it-tifel f' Jannar 1997. Il-konvenuta kienet saret nervuza, tghajjat u tgerger "ghal kull haga ta' xejn"; u kienet saret "idejha hafifa, anke fuq it-tifel." Eventwalment ir-relazzjoni kompliet tidditerjora, u l-konvenuta ma kinitx issajjarlu u tippreparalu l-ikel biex jiehdu mieghu fuq ix-xoghol; kienet tipprovokah, twegghu bil-kliem u kienet turi mibgheda fil-konfront tieghu. Kienet tghazel li tohrog wahedha minnflok mal-familja, u darba minnhom sahansitra kienet ghamlet lejl barra. Jakkuza lil martu li kienet tuza vjolenza fizika fuqu; filwaqt li jghid li "nsostni illi vjolenza fuq marti qatt ma wzajt."[6]

L-attur jghid li huwa kien dejjem jirsisti ghall-edukazzjoni tat-tifel taghhom, u kien jghinu hafna fl-iskola.

*Verzjoni Konvenuta*

Minn naha taghha l-konvenuta[7] tghid li sa minn qabel iz-zwieg, l-attur, allura l-gharus taghha, kien wera li hu bniedem possessiv u ghajjur "izzejjed"; u li "kien kultant jaghtini daqqiet 'l hawn u 'l hemm u jweggaghni."

Tghid li, wara z-zwieg, fil-hin liberu taghha hija kienet tipprattika l-isport tal-football flimkien ma' nisa ohra, hbieb taghha. Il-konvenuta tghid li matul it-tqala kienu nqalghu hafna kwistjonijiet bejn il-partijiet, u l-attur kien uza vjolenza fizika fuqha. Tghid li sussegwentement ghat-twelid tat-tifel, l-attur hass li kien qed jigi traskurat, u beda

[5] Fol.49 *et seq.*
[6] Vol.1 fol.55
[7] Aff. Vol.1 fol.219 *et seq.*

jsir aktar aggressiv u vjolenti fil-konfront taghha. Kien sar izjed dominanti.

Fis-sena 2001 huwa beda jqatta’ hafna hin jixrob go bar, minflok mal-familja tieghu. Inoltre, meta kien ikun mal-konvenuta u mat-tifel kien jaghmel hafna hin fuq il-mobile. Eventwalment beda jorqod wahdu, fil-kamra tal-bejt.

L-attrici tghid li “Fid-dar qatt ma hassejtni stmata u apprezzata minnu.” u tallega wkoll relazzjoni extra matrimonjali da parti ta’ zewgha l-attur.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta manifest ghal din il-Qorti li f’ dan iz-zwieg kien hemm inkompatibilita’ serja ta’ karattru da parti taz-zewg partijiet li ma kellhomx l-istess vizjoni ta’ kif kellha tkun il-hajja konjugali taghhom.

Jidher li l-attur huwa bniedem possessiv u dominanti, u jippretendi li jsir kollox kif irid hu. Ghalkemm huwa wera li ghandu aspetti pozittivi, partikolarmnet dwar il-hidma kontinwa tieghu biex itejjeb il-pozizzjoni finanzjarja tal-familja, u wkoll l-importanza li dejjem ta lill-edukazzjoni tat-tifel, u kien ukoll jghinu fix-xoghol ta’ l-iskola; izda, fil-fehma tal-Qorti l-aspett negattiv tad-dominanza fil-karattru tieghu, kien il-kagun tal-glied kontinwu bejn din il-kopja. Ghalih, dak li ried jaghmel hu u li ghamel hu, biss, kien tajjeb u ta’ gid, filwaqt li dak li kienet tixtieq taghmel martu, u li ma kienx jaqbel mieghu hu, kien, fil-fehma tieghu, hazin u ghalhekk kien jopponi ghalih; u konsegwentement kien jikkomporta ruhhu b’ mod abuziv fil-konfront ta’ martu meta dina ma kinitx taghmel kif jahseb hu, jew kienet taghmel dak li hu ma kienx irid. Din is-sitwazzjoni kienet tirrizali sa minn qabel iz-zwieg, u pperdurat tul il-konvivenza matrimonjali kollha, u kienet ta’ ostakolu serju ghal konvivenza pacifika bejniethom.

Inoltre, il-Qorti hi tal-fehma li jirrizultaw elementi ta’ prova li sufficjentement jipprovaw l-allegazzjoni tal-konvenuta, li l-attur kien vjolenti maghha, u li ta’ sikwit kien jerfa’ jdejh fuqha. Il-karattru vjolenti ta’ l-attur jorhog car mic-

certifikati medici ezebiti[8], u wkoll mill-kontenut tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [bhala qorti ta' gudikatura kriminali] fis-6 ta' Gunju 2003, referibbilment ghar-reat ta' offiza ta' natura hafifa kommess mill-attur fis-2 ta' Mejju 2002. F' din is-sentenza dik il-qorti, wara li sabet lill-attur, allura imputat, hati ta' l-akkuza, osservat hekk: "L-imputat jidher li huwa persuna li m' ghandux kontroll fuq ir-rabja tieghu, u ghadu jirribella fuq ir-restrizzjonijiet inerenti fiz-zwieg fuq il-liberta' tieghu u jara lil martu bhala il-persuna li qed tindahallu fl-affarijiet tieghu u tirristringih minn dak li jrid jaghmel. Dan il-fattur jidher li johloq ribelljoni kbira fl-imputat li jwassal ghal rabja kbira mhux kontrollata li jispicca fi swat fuq martu."[9]

Illi inoltre, l-allegazzjoni maghmula mill-konvenuta, ta' vjolenza da parti ta' zewgha, u ta' trattament umiljanti da parti tieghu fil-konfront taghha, anke fil-pubbliku, isibu konfort fix-xhieda ta' ohtha Josephine Fenech Apap.

Illi kif korrettement sottomess mill-konvenuta fin-nota taghha, "Bniedem ma jsirx vjolenti millum ghall-ghada, filli jkun bniedem pacifiku u filli jsir vjolenti."[10] u l-Qorti hija propensa li taccetta bhala veritiera l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuta, u taccetta bhala fatt sufficjentement provat li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenuta kienet dominata mill-attur, u kienet ta' spiss tisfa' vittma ta' vjolenza, morali u fizika, da parti tieghu, li, flimkien mat-theddid u tghajjir fil-konfront taghha, jikwalifikaw bhala 'sevizzi' fit-termini ta' l-imsemmi artikolu 40, stante li, ezercitatati ripetutament, irrendew il-konvivenza matrimonjali nsapportabbli ghal martu l-konvenuta.

In fine u ghall-kompletezza fuq dan l-aspett, il-Qorti tikkonsidera opportuna l-osservazzjoni li dak li, mix-xhieda tal-Psikologa Denise Borg jirrizulta li qal it-tifel lilha, u cioe' "li l-genituri jiggieldu u jaghtu daqqiet lil xulxin."[11] ma

---

[8] Vol.2 – fols.232 et seq. Doks, DC1
[9] Vol.2 fol.572 et seq. Dok.LC3; vide ukoll dok.LC! fol.580
[10] Fol.811
[11] Vol.1 fol.393 – sottolinear tal-Qorti

jimmilitax kontra l-konkluzjoni premessa, anzi jaghtiha konfort ghas-segwenti ragunijiet:
[1] Illi dan id-diskors tal-minuri, jikkonferma li bejn il-partijiet kien isehh komportament vjolenti, quddiem il-minuri;
[2] Illi jgiddeb lill-attur meta fl-affidavit tieghu jghid: "Dan [allegazzjoni ta' vjolenza da parti tieghu] ghadni nichdu sallum, u nsostni li vjolenza fuq marti qatt ma uzajt."[12]
[3] Illli c-certifikati medici, u s-sentenza citata, jipprovaw li matul dan il-glied il-konvenuta kienet il-vittma; u noltre jigi osservat li, hija haga naturali li min jaqla' s-swat jirreagixxi billi jiddefendi ruhhu. Il-konvenuta stess, in kontro ezami, tghid li kien hemm okkazzjonijiet meta ppruvat tiddefendi ruhha.[13]
[4] Illi in fine, jigi josservat li, ghalkemm dak li qal it-tifel, huwa prova ta' l-ezistenza ta' glied fiziku, il-Qorti ghandha dejjem izzomm quddiem ghajnejha li dan it-tifel kellu sitt [6] snin, u, kif korrettement sottomess mill-konvenuta fin-nota taghha, "tifel ta' eta' tenera bhal ma hu D, difficli jippercepixxi minn beda glieda u min beda jaghti lil min."[14]

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment kagun tas-sevizzi kontemplati fl-artikolu 40, kommessi mill-attur fuq martu l-konvenuta; u li dan il-komportament abuziv ghandu jattira fil-konfront tieghu l-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu.

**Kura u Kustodja**

Illi l-prinicpju li jimpera f' dan ir-rigward, huwa dak ta' l-aqwa vantagg u utilita' ghall-minuri li l-interessi tieghu ghandhom jipprevalu fuq dawk tal-genituri. Inoltre, ghandu jinghad li, ghalkemm il-minuri ghandu bzonn iz-zewg genituri f' hajtu, mhux dejjem possibbli jew ghaqali li huwa jaghmel l-istess hin maz-zewg genituri tieghu, anzi huwa fl-interess tal-minuri li dan ikollu 'home base' ghall-istabbilita' tieghu li tkun tirrikjedi li dana jghix ma' parti u mhux ma' ohra.

[12] Vol.1 fol.55
[13] Vol.2 fol.407
[14] Vol.2 fol.809

Ferm il-premess, u wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li ssuggeriet il-perit legali, u dak li ssottomettew il-partijiet f' dan ir-rigward, hija tal-fehma li, tenut kont tal-fatt li llum il-minuri li ghandu circa 12 il-sena, tal-fatt li dan ilu jghix ma' l-omm minn mindu twieled u ma jirrizultawx problemi in propozitu, u wkoll tenut kont tal-partecipazzjoni attiva li wera l-missier fil-hajja tal-minuri, il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun fdata esklussivament lil omm, izda decizjonijiet ta' natura mportanti relatati mas-sahha u ma' l-edukazzjoni tat-tifel ghandhom jittiehdu konguntivament, jew bl-intervent tal-qorti kompetenti f' kaz ta' dizgwid insuperabbli; u, filwaqt li t-tifel jibqa' jghix ma' l-omm, il-missier ikollu access kif ser jinghad:

[1]Tlett darbiet fil-gimgha, kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha mis-2.30pm sa7.00pm, u darba fil-weekened, is-Sibt/Hadd, b' mod alternat, mid-9.00am sas-7.00pm; u fil-vakanzi tas-sajf l-access ghandu jestendi sat-8.30pm. Il-partijiet ghandhom jiftehmu li fil-kaz li l-missier ma jkunx jista' jezercita d-dritt ta' access tieghu minhabba xoghol, l-access jigi ezercitat gurnata ohra bl-istess hinijiet, bil-kondizzjoni li ma titharbatx ir-rutina tat-tifel; u l-missier ghandu jiehu lit-tifel ghall-attivitajiet kollha kemm-il darba dawn jinsertaw fil-granet ta' l-access tieghu.

Il-Qorti tosserva li mill-provi jirriulta car li kemm l-omm, kif ukoll il-missier, ihobbu hafna lit-tifel taghhom u dejjem hadmu ghall-avvanz tieghu, u ghalhekk, huma ghandhom jevitaw li jkollhom kwistjonijiet dwar l-access bi hsara emozzjonali ghat-tifel.

[2] Illi gjaladarba jidher li l-attur ghandu relazzjoni extra matrimonjali, sleep overs huma, *rebus sic stantibus*, kontro indikati; u inoltre, il-Qorti tordna li hadd mill-partijiet ma jesponi lill-minuri, almenu sakemm jilhaq certu eta', ghall-prezenza tal-habib jew habiba [partners] li l-genituri jista' jkollhom;

[3] Illi, kif suggerit mill-perit legali, l-access kif fuq indikat qed jigi sospiz fil-granet hawn taht indikati: Illi lejliet il-Milied, nhar il-Milied, lejliet l-Ewwel tas-Sena, nhar l-

Ewwel tas-Sena, nhar l-Ghid il-Kbir, fil-*birthday* tal-minuri, fil-*birthday* ta' l-attur, kif ukoll f' Jum il-Missier, il-minuri ghandu jqatta' jew in-nofs ta' nhar ta' filghodu (mid-9.00am sas-2.30pm), jew in-nofs ta' nhar ta' filghaxija (mis-2.30pm sad-9.00pm), ma' l-attur skond ir-roster ta' l-attur, jekk effettivament ma jkunx xoghol f' dawn il-hinijiet u l-granet.

F' kaz illi r-roster ta' l-attur ikun jippermetti illi l-attur ikun sia filghodu, sia filghaxija mal-minuri, l-attur ghandu, flimkien mal-konvenuta, jiftiehem maghha dwar meta se jiehu lil minuri, ossia jekk hux ghan-nofs ta' nhar ta' filghodu jew in-nofs ta' nhar ta' filghaxija. Fin-nuqqas ta' qbil, l-attur ghandu jiehu lill-minuri ghan-nofs ta' nhar ta' filghaxija.

Inoltre f' kaz illi fil-*birthday* tal-minuiri, jew fil-*birthday* ta' l-attur, il-minuri jkollu l-iskola jew attivita' extra-kurrikulari illi ma tkunx tippermetti lill-attur ikollu access ghall-minuri fil-hinijiet hawn fuq indikati, l-attur ghandu jkollu d-dritt ta' minimu ta' saghtejn mal-minuri, jew dakinhar, jew l-ghada, skond ir-roster tieghu, u l-iskola u l-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri.

**Manteniment**
Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali, fis-sens li l-konvenuta kienet tahdem qabel iz-zwieg u baqghet tahdem waqt iz-zwieg fin-negozju tal-familja li huwa qrib hafna tar-residenza taghha, u li ghalhekk, m' ghandux jigi fissat manteniment ghaliha; izda dana minghajr pregudizzju ghad-dritt taghha li titlob li jigi fissat manteniment ghaliha dovut mir-ragel bhala l-parti unikament hatja tal-firda, fil-kaz li hija verament tisfa minghajr introjtu adegwat.  Inoltre, il-Qorti ma taccettax it-tesi tal-konvenuta li hija ma tistax tahdem peress li trid tiehu hsieb it-tifel, tenut kont ukoll tal-fatt li t-tifel illum ghandu certu eta' li tippermettilha certu spazju f' hajjitha, kif ukoll tenut kont tal-fatt li l-post tax-xoghol taghha huwa qrib ir-residenza taghha.

Ferm il-premess, il-Qorti taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali fir-rapport

taghha fis-sezzjoni ntestata “Kwistjoni tal-Manteniment”[15] u konformament tordna li l-attur jhallas lill-konvenuta bhala manteniment ghat-tifel D, sakemm dan jsir maggjorenni jew jibda jahdem b’ introjtu adegwat u regolari, is-somma ta’ mija, seba’ u tmenin ewro [€187] kull erba gimghat; oltre nofs l-ispejjez ta’ l-edukazzjoni tal-minuri, inkluzi uniformijiet, trasport, stationery, kompjuter u internet [kontrollat], ta’ l-attivitajiet extra kurrikulari; u spejjez ta’ sahha - kontra d-debiti ricevuti jew fatturi. L-imsemmi ammont ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja kif jindika l-indici ufficjali mahrug mill-gvern tal-gurnata.

Illi pero’ l- premium tal-*baby bond* mahruga f’ isem il-minuri ghandu, kuntrarjament ghal dak suggerit mill-perit legali, jithallas miz-zewg partijiet ugwalment.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

Illi f’ dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali u ghall-konkluzzjonijiet raggunta minnha u li jinsabu minn fols.754 sa 770 tal-process u li qed jigu hawn annessi.[16]

*Id-Dar Matrimonjali – 43, Leon Triq Correa Qormi.*

Illi jirrizuzlta car li dina kienet inbniet fuq arja li l-konvenuta kienet irceviet minghand il-genituri taghha, b’ titolu ta’ datio in solutum, u ghalhekk hija parafernali taghha; u dan il-fond m’ ghandux jibqa’ jitqies aktar bhala ‘d-dar matrimonjali.’

*Kreditu ta’ l-Attur*

Illi l-attur ghamel hafna spejjez u xoghol fl-imsemmi fond, li bbenefika l-fond proprjeta’ parafernali tal-konvenut, u ghalhekk ma hemmx dubju li huwa ghandu kreditu kontra l-konvenuta f’ dan ir-rigward, li l-perit legali kkwantifikat fl-ammont komplessiv ta’ Lm10,500, illum ekwivalenti ghas-somma ta’ erbgha u ghoxrin elf, erba’ mija u hamsa u sittin ewro [€24,465]. Ghaldaqstant, filwaqt li l-imsemmi fond ghandha tibqa’ tghix fih l-konvenuta stante li huwa proprjeta’ taghha, l-istess konvenuta ghandha thallas lill-

[15] Appendici C – Vol.2 fols.750 sa 754
[16] Appendici D Vol.2 fols.754 sa 770

attur l-imsemmija somma ta’ €24,465 rapprezentanti wkoll l-awment fil-valur fl-istess fond rizultat tax-xogholijiet maghmula mill-attur.

*Garage - ‘Denmar’ Triq il-Gdida fi Triq Karm Debono, Hal Qormi*

Illi anke f’ dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali; u konformament tordna li dan il-fond, li kien inxtara b’ self matul iz-zwieg, jigi valutat mill-Perit Mario B li qed jigi nominat espert ghal dan il-ghan, u jinbigh fuq is-suq hieles bi zmien sena, u fin-nuqqas jinbigh bis-subbasta, ghal prezz mhux inferjuri ghal dak stabbilit mill-perit tekniku; u r-rikavat, wara li jithallas minnu d-dejn kollu gravanti l-istess fond, jinqasam bejn iz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

*Oggetti mobbli*

F’ dan ir-rigward il-Qorti taddotta fl-intier taghhom u taghmilhom taghha l-konsiderazzjonijiet u assenjazzjoni maghmula mill-perit legali fis-sezzjoni ntestata “[3] Oggetti Mobbli” a fols.764 sa 769 tal-process; u konformament tordna li l-assenjazzjoni ssir kif stabbilit u suggerit mill-perit legali.

*Kontijiet Bankarji*

Anke f’ dan ir-rigward il-Qorti taddotta l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali, u konformament tordna li l-bilanc tal-kontijiet li llum jinsabu fuq isem il-partijiet, flimkien jew separatament, jinqasam ugwalment bejniethom.

*Insurance*

Il-premium ta’ l-insurance li tinsab fuq isem il-minuri ghandha tithallas miz-zewg partijiet ugwalment, b’ dan pero’ li l-uniku beneficjarju taghha jibqa’ t-tifel D.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar l-azzjoni billi, previa rigett ta’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta in kwantu nkompatibbli ma’ dak li ser jinghad:

[1] tilqa’ l-ewwel talba limitatament fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment tort ta’ l-istess attur;

[2] tichad it-tieni talba;

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tichad ir-raba’ talba;

[5] tilqa’ l-hames talba u tordna x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u tordna li din tigi assenjata kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”;
[6] tichad is-sitt talba, stante li hija superfluwa;
[7] tilqa’ is-seba’ talba fis-sens deciz fit-talba numru [5];
[8] tilqa’ t-tmien talba.

Tiddeciedi dwar il-kontro talba billi, previa rigett ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat in kwantu nkompatibbli ma’ dak hawn taht deciz;
[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens gja fuq deciz;
[2] tilqa’ t-tieni talba limitatament u fis-sens fuq stabbilit u ordnat taht is-sezzjoni ntestata “Manteniment”;
[3] tilqa’ t-tielet talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu;
[4] tilqa’ ir-raba’, il-hames u s-sitt talba limitatament u fis-sens fuq stabbilit u ordnat taht is-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”

Tordna li l-ispejjez ta’ l-azzjoni u tal-kontro talba jigu sopportati mill-attur fl-intier taghhom; hlief ghall-ispejjez u drittijiet relattivi tat-tieni perizja teknika li ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta ghall-istess raguni ndikata mill-perit legali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------